MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 1187/2003

**Auto Sales Limited**

**Vs**

**Dr Martin Fenech LLD Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lil imsiefra Simone Fenech Soler nominat b'digriet tat-13 t'Ottubru, 2004**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,315.43c) rapprezentanti import ta' tnax-il kambjala esebiti bhala Dokumenti A1 sa A12 bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Ittri Ufficjali tat-28 ta' Marzu, 2001, tal-25 ta' Jannar, 2002 u tal-15 ta' Novembru, 2002.
Ra d-digriet li bih gie nnominat Dr Martin Fenech in rapprezentanza ta' l-assenti Simone Fenech Soler.

Ra r-Risposta ta' Dr Martin Fenech nomine li biha wiegeb illi huwa m'huwiex edott mill-fatti u rriserva li jissottometti eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Joanna Dingli.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li hemm tnax-il kambjala originali li skadew bejn it-30 ta' Settembru, 2001 u l-31 t'Awissu, 2002 li gew esebiti mill-attur u ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tqiesu bhala m'humiex imhallsa.

Dawn il-kambjalijiet komplessivament jammontaw ghas-somma ta' elf erba' mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm1,429.91c).

Illi f'din il-kawza l-atturi qieghdin jitolbu s-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,315.43c), cjoe' ammont inferjuri ghal dak rizultanti mill-imsemmija kambjalijiet.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Illi ghalhekk it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------